**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU 2021**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Revoka. 272/2016 RGM**

**Fl-atti tal-Mandat ta' l-Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar**

**numru 313/2016 fl-ismijiet:**

**Dr Ann Fenech għan-nom u in rappreżentanza**

**tas-soċjetà estera OSM Ship Management GmbH; reġistrata fil-Ġermanja**

**vs.**

**Il-Bastiment HH North (IMO Nru 9151876)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Dr. Jean-Pie Gauci Maistre** ppreżentat fl-4 ta' April 2016 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

Illi dan huwa rikors a tenur tal-artikoli 836, 861 u 862 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi l-bastiment rikorrent kien gie milqut b'mandat ta'arrest ta' Bcejjec tal-Bahar fl-ismijiet premessi u bin-numru 313/16 liema mandat gie akkordat nhar 1-1 ta' Marzu 2016;

Illi f'jumejn ir-rikorrent iddeposita garanzija;

Illi 1-bastiment de quo ma giex arrestat korrettement u 1-procedura adoperata f'din ic-cirkostanza ma tistghax ma titqiesx abusiva.

L-ewwel nett ghandu jinghad li meta 1-OSM Ship Management Gmbh allegat li kellha tigbor xi hlasijiet, intalbu mill-ewwel jaghtu spjegazzjoni dettaljata ta' dak li kien qieghed jintalab. Dan ghaliex mad-daqqa t'ghajn kien hemm affarijiet li kienu qed jistonaw, budgets li ma kienux qeghdin jigu rispettati b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Management Agreement li kien hemm fis-sehh, u ghalhekk b'mod generali u kif diga miftiehem reciprokament, l-esponenti riedu jkunu certi li 1-ammont mitlub kien dovut.

Il-ftehim applikabbli (Shipman 2009 tat-22/10/2014 hawn anness u mmarkat DOK. 'NORTH 1') jipprovdi li 1-manager ghandu jiehu hsieb certi funzjonijiet teknici u amministrattivi in rigward tal-bastiment in konsiderazzjoni tal-hlas ta' rata ghal kull gurnata flimkien mar-rimbors tal-ispejjez fuq bazi ta' 'prefunding' u l-Managers, cioe OSM Ship Management Gmbh, huma obligati li jirrapurtaw u jissostanzjaw l-ispejjez kollha. Il-mandat sar a bazi ta' diversi somom allegatament dovuti bhala rimbors ta' spejjez inkorsi in rigward tal-bastiment HH NORTH. Jirrizulta li l-esponenti bhala sidien tal-bastiment talbu diversi drabi li jinghataw spjegazzjoni dettaljata tal-

ispejjez in kwistjoni izda l-managers irrifjutaw li jaghtu din l-informazzjoni (kopji tal-korrispondenza hawn annessi u mmarkati DOK. 'NORTH 2' u DOK 'NORTH 3'). Anzi jirrizulta li anke xi jumejn jew tlieta qabel ma sar l-arrest l-esponenti regghu talbu li jinghataw din l-informazzjoni u anke dokumentazzjoni u fatturi sabiex it-talba ghal-hlas tkun dokumentata kif suppost skond il-Management Agreement f'konformita' mal-obbligi tal-Managers. Għall-kuntrarju, OSM Ship Management Gmbh, ma pprovdew l-ebda dokumentazzjoni suffiċjenti u kompluta, bħal; fatturi ta' fornituri, provi ta' hlas jew spjegazzjonijiet tas-servizzi pprovduti, izda minflok pproċediet bl-arrest tal-bastiment f'Malta;

Illi effettivament dan il-mandat ta'arrest ma kienx mehtieg u it-talbiet tal-managers qatt ma kienu ser jigu frustrati bit-tluq tal-bastiment minn Malta. Filfatt l-esponenti offrew, fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar 2016, li jpoggu somma flus in garanzija billi jaghtuha lill-avukati esteri tal-managers "in escrow" u dan sabiex l-managers ma jghaddux biex jarrestaw il-bastiment. Jidher li l-managers m'accettawx din is-soluzzjoni effettivament ghaliex ghall-iskopijiet taghhom riedu jarrestaw il-bastiment u mhux jilhqu ftehim u jiffirmaw 'escrow agreement' u jaccettaw fondi biex jigu rimessi bhala garanzija. Jirrizulta izda li din kienet intenzjoni qarrieqa billi pprezentaw kliem esegerat dwar l-'escrow agreement' li jimponu klawżoli inġusti ghas-sidien illi ma setgħux jiġu aċċettati minhabba li jkunu jippreġudikaw id-drittijiet u r-rimedji tas-sidien, u fuq bażi każwali, biex ibidlu, jziedu u jesegeraw it-talbiet jew jipproponu li jergghu jdahhlu fis-sehh il-Management Agreement, dan wara li gie mwaqqaf hesrem b'avviz ta' terminazzjoni fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar 2016 (kopji tal-korispondenza hawn annessi u mmarkati DOK. 'NORTH 4' u DOK. 'NORTH 5').

Illi l-esponenti ma ghandhom l-ebda diffikulta' li jhalsu s-somma li tirrizulta dovuta u filfatt malli sar l-arrest iddepozitaw fil-Qorti is-somma kollha mitluba b'hekk li f'temp ta' jumejn wara li sar l-arrest, l-istess arrest gie revokat. Ta' min isemmi wkoll li l-ammont inizjalment mitlub kien dak ta' mija disgha u tletin elf, hames mija disgha u hamsin dollaru amerikan u hamsa u sebghin centezmu (USD 139,559.75) (kopja tal-korrespondenza hawn

annessa u mmarkata DOK. 'NORTH 6'), izda fir-rikors tal-mandat ta' arrest gie mitlub l-ammont ta' hamsa u tmenin elf, mittejn wiehed u sittin dollaru amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 85,261.27), li gie biss parzjalment sostanzjat fl-ammont ta' erbgha mija sitta u tmenin dollaru amerikan u tmintax il-centezmu (USD 486.18).

Illi bir-rispett kollu mandat kawtelatorju m'ghandux jinhareg leggerment u semplicement ghaliex hemm allegazzjonijiet ta' kreditu. Kreditur ghandu jikkomporta ruhhu in buona fede u ma ghandux ifittex il-hrug ta'mandat kawtelatorju jekk kellu mezzi aktar facli biex jikkawtela l-kreditu tieghu jew jekk, addirittura, ma kienx hemm il-htiega ta' tali kawtela.

Dan huwa filfatt il-qofol tar-rikors odjeni. L-esponenti jghid li meta pprova jiehu sodisfazzjon dwar il-kontijiet, l-intimat irrifjuta li jaghti informazzjoni u sahansitra ma accettax li jitpoggew flejjes 'in escrow' effettivament ghaliex ried jarresta l-bastiment. Dan ma huwiex komportament li ghandu jigi protett mill-ligi;

Ghaldaqstant in vista tas-suespost u filwaqt li jirriserva li jressaq il-provi u dokumenti ohra ulterjuri skont il-ligi, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar u tirrevoka l-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-Bahar de quo billi (i) ma kienx hemm il-periklu li l-pretenzjonijiet tal-intimati kienu ser jigu skartati bit-tluq tal-imsemmija bicca tal-bahar u/jew (ii) ghaliex it-talba ghall-hrug tal-mandat kienet maghmula bil-qerq u/jew (iii) ghaliex ma jkunx ragjonevoli li l-mandat de quo jibqa fis-sehh (art. 836(1)(f));

2. Tikkundanna lill-intimati jhalsu penali billi ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew u billi t-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja liema penali ma ghandhux ikun ta' inqas minn hdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600);

3. Tordna lill-intimata li ggib, fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn hdax -il elf u sitt mitt euro (€11,600), ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat.

Rat ir-**risposta ta' Dr. Ann Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà estera OSM Ship Management GmbH** ippreżentata fl-14 t'April, 2016 fejn jingħad kif ġej:

**A. PREMESSI**

Illi permezz tal-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar 'il fuq minn ghaxar metri numru 313/16 akkordat mill-Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland fl-1 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet *Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera OSM Ship Management GmbH, registrata l-Germanja vs il-Bastiment HH North (b'IMO nru 9151876),* l-imsemmi bastiment gie arrestat fuq talba tas-socjeta' esponenti OSM Ship Management GmbH ghas-somma ta' tmienja u sebghin elf, tlett mija u sebgha Ewro u sitta u hamsin centezmu (Euro 78,307.56) ekwivalenti ghas-somma ta' hamsa u tmenin elf, mitejn u wiehed u sittin dollaru Amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (USD 85,261.27).

Illi fit-3 ta' Marzu 2016 ntalab kontro-mandat numru 331/16 fl-ismijiet *Dr. Ann Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera OSM Ship Management GmbH, registrata l-Germanja vs il-Bastiment HH North (b'IMO nru 9151876)* u dan wara li fl-istess gurnata giet iddepozita is-somma pretiza mis-socjeta' esponenti permezz ta' cedola tad-depozitu.

Illi dan il-kontro-mandat gie akkordat dak in-nhar stess mill-Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland.

Illi fit- 29 ta' Marzu 2016 giet ipprezentata nota mill-esponenti li permezz taghha nformat lill-Onorabbli Qorti illi l-ebda kawza m'hi ser tigi ntavolata

quddiem il-Qrati Maltin peress illi procedimenti ta' Arbitragg diga' nbdew gewwa Londra fil-14 ta' Marzu 2016 sabiex tigi deciza' l-pretenzjoni tas-socjeta' attrici fuq il-merti (Kopja tan-*Notice of Arbitration* relattiv hawn anness u immarkat bhala Dokument **'NOT1').**

Illi fl-4 ta' April 2016 gie ntavolat rikors fl-ismijiet *Dr. Jean-Pie Gauci-Maistre noe. vs Dr. Ann Fenech noe.* li permezz tieghu ir-rikorrenti qed jitlob lill-Onorabbli Qorti joghgobha:

*1. "Thassar u tirrevoka l-mandat ta' arrest ta' bcejjec tal-bahar de quo billi (i) ma kien hemm il-perikolu li l-pretenzjonijiet tal-intimati kienu ser jigu skartati bit-tluq tal-imsemmija bicca tal-bahar u/jew (ii) ghaliex it-talba ghall-hrug tal-mandat kienet maghmula bil-qerq u/jew (iii) ghaliex ma jkunx ragonevoli li l-mandat de quo jibqa' bis-sehh (art 836(1)(f));*

*2. Tikkundana lill-intimati jhallsu penali billi ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew u billi t-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja liema penali ma ghandhux ikun ta' inqas minn hdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600);*

*3. Tordna lill-intimati li ggib fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti garanzija tajba fl-ammont ta' mhux inqas minn hdax il-elf u sitt mitt euo (€11,600), ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat."*

**B. MA HEMMX MANDAT JEW KONTRO-MANDAT FL-ISMIJIET PREMESSI**

Illi fl-ewwel lok ir-rikors intavalot fl-4 ta' April 2014 huwa irritu u null *stante* li ma nhareg ebda mandat jew/u kontro-mandat fl-ismijiet *Dr. Jean-Pie Gauci-Maistre noe. vs Dr. Ann Fenech noe.***,** u cioe' fl-ismijiet li gie ntavolat l-imsemmi rikors.

## C. IR-RIKORS GIE NTAVOLAT QUDDIEM IL-QORTI HAZINA

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fit-tieni lok, jinghad illi m'huwiex car fl-imma atti gie ipprezentat dan ir-rikors ghaliex fuq l-ewwel pagna hemm riferenza illegibbli kemm ghall-atti tal-mandat kawtelatorju relattiv kif ukoll tal-kontro-mandat li sussegwentament inhareg. Din ir-riferenza saret permezz ta' korrezzjoni datata fil-5 ta' April 2016 u cioe' l-ghada li gie pprezentat ir-rikors odjern fil-4 ta' April 2016.

Jinghad illi qed jigi osservat li l-ewwel u t-tielet talbiet attrici jirrigwardaw it-thassir u ir-revoka tal-mandat ta'arrest kif ukoll hemm referenza specifika ghall-artikolu 836(1)(f) ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi skond Artikolu 836(1) ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kwalunkwe talba ghar-revoka ta' mandat kawtelatorju tista' ssir kemm fl-atti tal-istess mandat kif ukoll fl-atti tal-kawza. Peress illi f'dan il-kaz odjern nfethu proceduri fuq il-mertu barra minn Malta, u jekk r-rikors gie ntavolat ai termini ta' Artikolu 836(1) allura kellu jigi indikat li dan ir-rikors qed jigi pprezentat fl-atti tal-mandat relattiv

Pero f'dan il-kaz peress li inhareg kontro-mandat numru 331/16 huwa legalment insostenibbli li ssir talba ghar-revoka ghaliex il-mandat per se gja gie revokat. Ghalhekk l-unika rimedju tal-bastiment HH North kellu jkun rikors a bazi ta' Artikolu 836(7) li jistipoka:

"(7) Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, **<u>il-qorti li tkun ħarġet il-kontromandat</u> taħt id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le** u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur." *[Emfazi tas-socjeta' esponenti]*

Illi dan jikkuntrasta mal-Artikolu 836(1) [li l-attur jirreferi ghalih fl-ewwel talba] ta' Kapitolu 12 tal-Ligijiet li jipprovdi illi "*l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li latt kawtelatorju jiġi revokat*"

Illi ghalhekk wara li jinhareg il-kontro-mandat relattiv hija biss dik il-Qorti li tkun harget l-istess kontro-mandat li ghandha l-fakulta tezamina jekk l-mandat ta' arrest kawtelatorju setax issir jew le.

## D. TALBIET LEGALMENT INSOTTENIBBLI

Illi bhalma diga' ntqal iktar 'il fuq, l-ewwel talba attrici titlob it-thassir u ir-revoka tal-mandat ta' arrest. Kif gja spjegat dan m'huwiex possibli stante illi l-mandat diga' giet revokat permezz tal-kontro-mandat numru 331/16 fuq talba tal-bastiment stess (kopja tal-kontro-mandat hawn anness u immarkat bhala **Dokument** "**KONT1'**).

Dan il-fatt m'huwiex qed jigi kkontestat mir-rikorrent fejn hu stess qal fir-rikors datat 4 ta' April 2014 *"... filfatt malli sar l-arrest iddepozitaw fil-Qorti is-somma kollha mitluba b'hekk li f'temp ta' jumejn wara li sar l-arrest,* ***l-istess arrest gie revokat."*** [emfazi tas-socjeta' esponenti]

Illi ghalhekk wiehed isaqsi kif tista' dina l-Onorabbli Qorti tordna t-thassir u r-revoka ta' mandat li diga gie mnehhi? Ghalhekk wara li jinhareg kontro-mandat, l-uniku rimedju ta' bastiment intimat huwa dak kontemplat taht Artikolu 386(7). Dik il-qorti ghandha l-fakulta li tezamina jekk mandat kawtelatorju nhareg skond il-ligi u allura t-talbiet attrici kellhom jigu fformulati skond dan ir-rimedju. Dan l-Artikolu certament ma jikkontemplax talba kif maghmula mill-bastiment fir-rikors tieghu datat 4 ta' April 2016.

*Inoltre*, fir-rigward it-tieni u t-tielet talbiet jinghad li talba ghall-penali u talba ghall- imposizzjoni ta' garanzija da parti tas-socjeta' esponenti jistghu jsiru

biss wara li jkun hemm ezami u konferma mill-<u>Qorti kompetenti</u> dwar jekk il-mandat kawtelatorju in kwistjoni setghax issir jew le (u dan skond Artikolu 836(7) ta' Kapitolu 12). Apparti l-fatt li dan ir-rikors gie ntavolat quddiem Qorti ohra minn dik stipulata f'Artikolu 836(7) ta' Kap 12, jidher li lanqas biss ma hemm talba sabiex ssir investigazzjoni dwar jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le.

Illi dan kollu gie retenut diversi drabi mill-Qrati Maltin. B'referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-21 ta' Dicembru 2012 fl-ismijiet *Market Handle Limited vs Fahrenheit Freight Forwarders Company Limited (C-17421) et,* il-Qorti spjegat illi:

*"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali relattivi għall-każ, jibda biex jingħad li l-Qorti trid tqis it-talbiet li ressqulha l-eżekutati fil-parametri li huma għażlu li jressquhom.*

*Dan qiegħed jingħad għaliex l-ewwel żewġ talbiet jitolbu li l-Qorti tħassar il-Mandat kawtelatorju maħruġ kontrihom. Min-naħa l-oħra, intwera mill-atti li l-Mandat kien ġie mħassar żmien qabel ma l-eżekutati ressqu r-rikors tal-lum u dan fuq talba tagħhom infushom wara li iddepożitaw garanzija bankarja b'Ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti;*

***Illi għalhekk, f'dan il-każ, ikun jgħodd l-artikolu 836(7) tal- Kap 12, li r rikorrenti eżekutati bl-ebda mod ma semmew fil-premessi jew imqar fit-talbiet tagħhom. Dan ifisser ukoll – kif tajjeb ikkummentat l-eżekutanti fin-Nota tagħha – li l-firxa ta' rimedji li l-Qorti tista' tagħti hija limitata b'dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni tal-liġi.*** *Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna r-radd lura lill-parti eżekutata tal-garanzija li tkun ressqet biex tkun kisbet it-tħassir tal-Mandat permezz tal- Kontro-Mandat;*

*Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il- Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala effett loġiku ta' dak is-sejbien.*

***Iżda ladarba l-Mandat ikun tħassar bil-ħruġ tal-Kontro- Mandat, il-Qorti ma jifdilhiex setgħa li tħassar dak li jkun diġa' mħassar b'mod ieħor****. Jidher ukoll li, sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat kawtelatorju kienx sata' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess Mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar issiwi tal-Mandati;*

*Illi, biex ikun ingħad kollox,* ***ir-rikorrenti eżekutati lanqas ressqu xi talba għat-tnaqqis tal-garanzija bankarja li huma nfushom ippreżentaw huma meta talbu l-ħruġ tal-Kontro-Mandat, u għalhekk hawnhekk ukoll idejn il-Qorti huma marbuta b'dak li ntalab minnhom;"***

Illi peress li fir-rikors hemm konfuzjoni shiha a bazi ta' liema Artikolu qed jigi bbazat ir-rikors u fl-liema atti gie ipprezentat ir-rikors kif ukoll qeghdin isiru talbiet li m'humiex legalment sostennibli dan ir-rikors ghandu jigi michud minnufih.

**E. NUQQAS TA' REFERENZI**

Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rikors datat 4 ta' April 2016 ma saret ebda referenza ghad-dispozzizjonijiet tal-ligi in sostenn tat-talbiet attrici hlief fl-ewwel talba fejn hemm referenza ghall-Artikolu 836(1)(f), li bhalma gja gie spjegat ma jistax japplika fil-kaz odjern stante illi diga' nhareg kontro-mandat.

Dan jaghmilha ferm difficli ghas-socjeta' esponenti sabiex tinkwardra d-difiza taghha ghat-talbiet attrici u ghalhekk minn issa qed tirrizerva li teccepixi ulterjorment jekk ikun il-kaz skond il-ligi.

**F. FUQ IL-MERTU**

Illi apparti dan kollu, u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, it-talbiet tal-bastiment huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat u imfisser hawn isfel.

**1. Il-bazi legali ta' l-mandat ta' arrest nru 313/2016**

Nonostante l-fatt li ma jidhirx li hemm ebda kontestazzjoni dwar il-bazi legali ta' mandat ta' arrest numru 313/16, l-esponenti jixtieq jgib ghall-konjizzjoni formali ta' dina l-Onorabbli Qorti li dan il-mandat ta' arrest nhareg a bazi ta' spejjez li huma dovuti mis-sidien tal-bastiment, Julieta Corporation, lis-socjeta' esponenti taht *is-Ship Management Agreement (BIMCO SHIPMAN 2009)* datat 22 ta' Ottubru 2014.

Illi ghalhekk dan l-arrest in kwistjoni gie ntavolat ghab-bazi ta' Artikolu 742(B)(o) ta' Kapitolu 12 li taghti l-Qrati Maltin ġurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri fir-rigward *"kull pretensjoni rigward merkanzija, materjal, proviżjonijiet,* bunkers, *provvisti u neċessitajiet forniti lil vapur għat-tħaddim, immaniġġar, żamma u manutenzjoni tiegħu"*

Inoltre, ghal kull buon fini, qed jinghad illi l-rekwiziti ta' Artikolu 742D(a) gew sodisfatti ukoll *stante* illi l-persuna li tkun responsabbli fi pretensjoni għal azzjoni *in personam* ("il-persuna rilevanti") kienet, meta nħolqot il-kawża għall-azzjoni, is-socjeta' proprjetarja tal-bastiment HH North, u liema socjeta' kienet is-sid tal-istess bastiment meta gie ipprezentat l-mandat ta' arrest numru 313/16.

**2. L-Allegazzjonijiet infondati tal-attur**

Fir-rikors tieghu, l-attur jidher li qed jipprova jattakka l-arrest billi jallega:

a) illi *nonostante* l-fatt li l-esponenti giet interpellata sabiex jaghtu spjegazzjoni dettaljata tal-ispejjez li s-socjeta' esponenti kellha tinkorri taht *is-Ship Management Agreement (BIMCO SHIPMAN 2009)* datat 22 ta' Ottubru 201, l-istess socjeta esponenti naqset milli taghmel dan u minflok pprocediet bl-arrest tal-bastiment gewwa Malta;

b) illi l-fatt li l-partijiet ma lahqux ftehim sabiex tinghata garanzija *in escrow* ghax ma kienx hemm ftehim fuq it-termini u l-kondizzjonijiet tal-istess pagament, b'xi mod ghandu jfisser li dan il-mandat ma kellux jinhareg u li s-socjeta' esponenti kellha xi intenzjonijiet qarrieqa;

c) L-attur jallega li t-talbiet tas-socjeta' esponenti qatt ma kienu ser jigu frustrati bit-tluq tal-bastiment minn Malta. Fuq l-istess linji, qed jigi allegat ukoll li s-socjeta' esponenti ma kellhiex ghalfejn ddubita il-likwidita' jew il-kapacita' finanzjarja tar-rikorrent u li l-istess qaghda tar-rikorrent kienet maghrufa.

**3. Ezami prima facie**

Permezz tar-rikors datat 4 ta' April 2016 jidher illi r-rikorrenti qieghed jipprova jgeghel lil dina l-Onorabbli Qorti tezamina l-merti tal-kawza. Illi l-Qrati enuncjaw f'diversi sentenzi illi l-ezami tal-Qorti taht Artikolu 836 ghandu jkun wiehed "prima facie" minghajr ma tidhol fil-mertu.

Illi fid-digriet fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et*** datat 10 ta' Mejju 2001 moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta, il-Qorti spjegat "*li mid-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 836 jidher li l-* ***unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminary li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."***

In oltre, fid-decizjoni fl-ismijiet ***Tanya Chetcuti pro et no vs Hugo Chetcuti*** moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-27 ta' Gunju 2002, il-Qorti qalet:

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex **tezamina 'prima facie' jekk minn hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le,** peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza ('P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; 'Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd' P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)"*

**4. Inapplikabbilta' ta' u nuqqas ta' provi fir-rigward Artikolu 836(1)(f)**

Minghajr pregudizzju ghall-spunti legali li diga' tqajjmu fir-rigward tan-nullita' tal-ewwel talba in vista' tal-fatt li Artikolu 836(1) ma japplikax fil-kaz odjern peress illi nhareg kontro-mandat, qed jigi sottomess ukoll illi l-artikolu ccitat fl-istess talba, u cioe' Art. 836(1)(f), huwa rrelevanti.

Illi l-imsemmi Artikolu 836(1)(f) jipprovdi li l-Qorti tista' tordna t-thassir ta' mandat kawtelatorju f' kaz fejn "*jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Illi kif dejjem gie retenut minn dina l-Onorabbli Qorti, din id-dispozizzjoni msemmija timplika li, wara l-hrug ta' mandat kawtelatorju, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira toħroġ ukoll mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ

Illi s-socjeta' esponenti qeghda taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet deciza ***Gasan mamo Insurance Limited et vs Roc A Go Crane Services Limited** et* minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-6 ta' Frar 2014 fejn il-fuq espost punt gie spjegat:

*"Ghalhekk f'dawn il-proceduri r-rikorrenti ghandhom jippruvaw li tenut kont tac-cirkostanzi kollha specjali tal-kaz mhux ragjonevoli li lmandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jibqa' fis-sehh u li xi wahda mill-htigijiet ghall-hrug tal-mandat m'ghadhiex tesisti" ("Dr, Tonio Fenech noe v Dr. Patrick Spiteri et. noe"). Illi minn kliem il-ligi stess johrog car li sabiex jitwarrab Mandat (jew parti) abbazi ta' dan issubartikolu hu mehtieg li jkun hemm bidla sostanzjali fii-cirkostanzi mid-data tal-hrug tal-Mandat" (enfasi ta' din il-Qorti );*

Apparti l-fatt li l-mandat ta' arrest illum gja gie revokat u nhareg il-kontro-mandat relattiv, qed jigi sottomess li fir-rikors datat 4 ta'April 2016 il-bastiment rikorrent qatt ma jghid u ma jaghti informazzjoni jew spjegazzjoni dwar precisament liema tibdil fic-cirkostanzi kien hemm wara l-hrug tal-mandat li jiggustifika it-thassir tal-mandat ta'arrest, li kieku dan kien ghadu ma giex revokat.

**5. L-arrest tal-bastiment sar legalment in kawtela ta' pretensjoni legittima li tezisti kontra il-bastiment**

i. Illi tajjeb li wiehed izomm f'mohhu illi s-socjeta' esponenti, *OSM Ship Management GmbH*, kien appuntata bhala l-*managers* ta' numru ta' bastimenti differenti li jifformaw flotta. Dan qed jinghad ghaliex wiehed irrid jara kollox fil-kuntest tieghu. Fil-korrespondenza li gietipprezentata mar-rikors tal-bastiment kif ukoll dik li qeghda tigi ipprezentata ma' din ir-risposta, jigu citati sommom kolletivi u sommom ohrajn relatati ma' bastimenti ohrajn.

ii. Fil-kuntest tal-bastiment HH North, u skond id-disposizzjonijiet tas-*Ship Management Agreement (BIMCO SHIPMAN 2009)* datat 22 ta' Ottubru

2014, is-socjeta' esponenti kienet tiehu hsieb certu funzjonijiet teknici u amministrattivi ta' dan il-bastiment. Naturalment, apparti is-sommom dovuti lilha bhala hlas ghas-servizzi taghha, is-socjeta' esponenti kellha d-dritt tigbor ukoll rimbors tal-ispejjez inkorsi sabiex jhallsu terzi persuni ghax-xogholjiet, servizzi u provvisti li gew forniti lill-bastiment relattiv.

iii. Bhalma wiehed jista' japprezza l-ammonti pretizi mis-socjeta' esponenti dejjem jinbidlu minn gimgha ghal gimgha, u dan skond il-fatturi li jircievu minn terzi ghax-xogholijiet, provizzjonijiet jew servizzi li jaghtu lill-bastiment kif ukoll skond il-pagamenti li jircievu minghand is-sidien.

iv. Illli minn Jannar 2016 is-socjeta' esponenti kienet qeghda tigri wara s-sidien sabiex ihallsu numru sostanzjali ta' fatturi dovuti li kienu saru dovuti fir-rigward dan il-bastiment. Matul ix-xhur ta' Jannar u Frar kien hemm tentattivi sabiex forsi jitpogga garanzija f'*escrow* izda dawn d-diskusjonijet sfaxxaw fix-xejn ghaliex fost ragunijiet ohrajn ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar that liema kundizzjonjijiet kellha tigi depozitata l-*escrow* u f'idejn minn kellha tigi affdata.

v. Illi sussegwentament u wara li baghtet diversi interpellazzjonijiet sabiex tithallas is-socjeta' esponenti ma kellhiex ghazla ohra hlief biex tmexxi bir-rimedji kontemplati fil-ligi

vi. Ir-rikorrenti qed jallega li qatt ma rcievew spjegazzjoni dettaljata tal-ispejjez, izda l-verita' hi li s-socjeta' esponenti baghtet fuq diversi okkazzjoni *updated statements of accounts* dettaljati li jindikaw l-ammonti kollha dovuti kif ukoll hemm referenzi ghall-fatturi relattivi.

vii. In sostenn ta' dan, qeghda tigi annessa korrispondenza mighbuta fil-25 ta' Frar 2016 mill-avukati esteri tas-socjeta' esponenti lill-avukati tal-bastiment fejn baghtu *statements of account* ta' kull bastiment, inkluz tal-HH NORTH, kif ukoll jaghtu *breakdown* tas-sommom kollha dovuti – kemm dawk dovuti lil l-istess socjeta' esponenti *OSM Ship Management GmbH* kif ukoll separatament dawk dovuti lil terzi. (hawn anessa u immarkata bhala

**Dokument 'HHN1'**) Wiehed hawnhekk bilfors irrid izid ukoll li filwaqt li dan l-istess email gie anness mar-rikors datat 4 ta' April 2016 (vide Dok 'NORTH 6'), ir-rikorrenti naqas milli jipprezenta l-*istatement of account* ghal dan il-bastiment li kien anness mall-istess email u li jaghti spjegazzjoni dettaljati tal-ammonti kollha dovuti!

viii. Fuq dan il-punt, jinghad ukoll li minhabba l-fatt li huma joffru s-servizzi taghhom bhala managers fuq diversi bastimenti, s-socjeta' esponenti tircievi u tohrog mijiet ta' fatturi kull xahar u ghalhekk l-istess esponenti toffri servizz elettroniku fejn kull klijient jista' jidhol fis-sistema (maghrufa bhala l-*E-Tech System*) sabiex jaraw u jirrevedu kull fattura li tinhareg minn OSM Ship Management GmbH u/jew li s-socjeta' esponenti tkun rcievet minn terzi fir-rigward il-bastiment in kwistjoni. Is-sidien tal-bastiment HH NORTH kellhom access ghal din il-fakulta', u kif ser jigi spegat fil-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta li l-istess sidien ghamlu uzu ta' dan is-servizz kemm il-darba. Dan jidher car ukoll l-email hawn aness u immarkat bhala **Dokument 'HHN2'.** Ghalhekk jekk kellhom ebda dubbju dwar xi fattura partikolari, facilment setghu jidhlu fuq din is-sistema eletronika bhalma fil-fatt gew avvzati sabiex jaghmlu (vide l-email anness u mmarkat bhala **Dokument 'HHN3')**

ix. Illi fir-rigward il-bastiment HH NORTH, l-ammont globali (kemm fir-rigward il-fatturi ta' OSM kif ukoll dawk ta' socjetajiet terzi) li gie mitlub minghand s-sidien tal-bastiment fl-email mibghut fil-25 ta' Frar 2016 **(**vide **Dok HHN1)** kien ta' USD 202,053.22.

x. Illi jinghad ukoll li minhabba l-fatt li kull tentattiv amikevoli sfaxxa fix-xejn, kif ukoll in vista tal-fatt li *s-Ship Management Agreement* gie terminat, is-socjeta' esponenti nfurmat lill-kredituri terzi permezz ta' avviz li hi ma kienetx ser tigbor flushom u li huma kellhom jikkomunikaw ma' u jigru direttament wara s-sidien tal-bastiment ghall-pagamenti. Ghalhekk is-socjeta esponenti hadet decizjoni interna li tipprocedi bl-arrest tal-bastiment sabiex tikkawtela **biss** dawk l-ammonti li kienu dovuti lilha.

xi. Ghalhekk fil-mandat ta'arrest nru 313/16 gie mitlub biss fis-somma ta' USD 85,261.27. Hija haga tal-iskatament illi s-sidient tal-bastiment qeghdin jipprovaw jargumentaw illi l-fatt li gie mitlub ammont inqas minn dawk fl-email b' xi mod ghandu jirrenda l-mandat abbusiv!!

xii. Fir-rigward it-tentattiv bejn il-partijiet sabiex jippruvaw isibu soluzzjoni amikevoli, qed jigi sottomess li filwaqt li verament kien hemm diskussjonijiet dwar l-possibilta' li somma flus titpogga *f'escrow account* u li l-partijiet jiffirmaw *escrow agreement*, m'huwiex minnhu li s-socjeta' esponenti ppruvat intenzjonalment tissfrutta dawn it-tentattivi sabiex tista' tarresta l-bastiment.

xiii. Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-partijiet ma setaw jaslu fi ftehim, kemm qabel kif ukoll wara it-termination tal-ftehim in kwistjoni, ghal diversi ragunijiet generali inkluzi inter alia:

- ma kienx hemm qbil dwar l-ammonti li kellhom jitpoggew *f'escrow;*
- qatt ma kien hemm qbil fuq minn kellu jigi appuntat bhala l-*escrow agent* ghaliex kull parti kien qed jinsisti li l-flus jinzammu mill-avukati esteri rispettivi taghhom;
- is-sidien tal-bastiment riedu jinghataw garanzija mis-socjeta' esponenti, haga li naturalment din ta' l-ahhar ma hassitx li kellha ghalfejn taccetta; u
- qatt ma kien hemm qbil fuq id-dispozizzjonijiet tat-test tal-*escrow agreement.*

Specifikament, meta l-partijiet iddiskutew l-*escrow agreement* ghall-ewwel darba ma' GMS (u cioe' qabel it-termination tal-*management agreements*), filwaqt li kien hemm qbil fuq certu punti (per ezempju li l-ditta legali *Clyde & Co* tagixxxi bhala l-*escrow account holder*), ma kienx hemm ftehim fuq diversi punti kritici ohrajn. L-aktar dizgwiti fundamentali minn dawn kienu dawk li jirrigwardaw d-dispozizzjonijiet fir-rispett tal-pagamenti ta' flus li kellu jigi mizmum f'escrow (*payment-out provisions),* fejn filwaqt li OSM kienet qed titlob li fl-eventwalita' li kellha ssir pagament lilha (*payment-out*) din kellha ssir permezz ta' *release document* iffirmat minn GMS, din ta' l-ahhar kienet qed tinsisti li s-sidien registrati ta' kull bastiment kellhom

jawtorizzaw il-pagamenti (*release payment).* Ir-raguni trasparenti ghall-pozizzjoni ta' GMS kienet li s-sid benefiċjarju tal-bastimenti kollha (inkluz l-HH North) - ghalhekk qatt ma kienet ser tkun possibli sabiex OSM tottjenti l-firem individwali tas-sidien registrati u konsegwentament qatt ma kien jkun possibli sabiex jkun hemm pagament (*payment-out).*

xiv. Illi peress li l-partijiet ma wasslux sabiex issibu soluzzjoni u peress illi s-sidien komplew jinjoraw it-talbiet taghha ghall-pagament,is-socjeta' esponenti ma kelliex triq ohra hlief li tipprocedi billi tikkawtela il-pretenzjonijiet taghha bil-mezzi kontemplati fil-ligi – u f'dan il-kaz odjern permezz tal-mandat ta'arrest nru 313/16.

xv. Illi fit-tieni lok, l-allegazzjoni tal-kontro-parti hija assurda ghaliex naturalment kienet tkun fl-interess tas-socjeta' esponenti li dawn il-flejjes jitpoggew *f'escrow account* u konsegwentament jigu evitat l-ispejjez legali kollha li qeghdin jinkorru sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom f'diversi gurisdizzjonijiet madwar id-dinja!!

xvi. Fir-rigward tal-allegazzjonijiet dwar il-qaghda finanzjarja tad-debitur, jinghad illi hawnhekk qeghdin nittrattaw dwar bastiment li huwa registrat f'isem is-socjeta' estera, *Julieta Corporation*, registrata gewwa St.Kitts & Nevis. Din il-kumpannija tidher li hija xejn hlief *special purpose vehicle company ('SPV Company')* inkorporata bhal single ship-owning company.

xvii. Fuq dan il-punt qed issir referenza ghall-ispjegazzjoni li jaghti Dr. Ademuni-Odeke fil-ktieb tieghu **Bareboat and Charter (Ship) Registration (Martinus Nijhoff Publishers 1997)** a pagna :

*2.7 Ship Ship-Owning Companies*

*"Yet another recent development is the device by shipowners to limit their liabilities by curtailing the practice of sister shlps. In private maritime law, ships belonging to the same owner or company can be arrested for the debt*

*owed by or violations committed by another ship (sister ship) of the same owner or company. However, cunning owners have spelt doom for his loophole by providing for each ship to be owned and managed by a separate registered company. The practice is fast gaining popularity worldwide, especially in the open and bareboat charter registries. In addition to avoiding arrests for sister ships's sins, it also serves as a tax saving and tax avoidance device. Thus, single-ship-owning companies are yet another evolution and development in ship registration practice which would make it harder to identify the true or beneficial owners as the ship-owning or management company (though the registered owner) is normally just a front company for commercial and (probably also) political reasons. Technically, however, the whole process is above-board unless there is cause for lifting the veil."*

xviii. Il-bastimenti kollha ta' din il-flotta huma kollha proprjeta' ta' *single ship owning companies* differenti u ma hemm l-ebda informazzjoni dwar il-likwidita' taghhom - hija difficli allura biex wiehed jaccetta li l-qaghda finanzjarja ta' kumpannija ta' din it-tip ghandha tigi meqjusa bhala wahda likwida u maghrufa meta l-uniku assi li certament ghandha hija l-bastiment (li bhalma ser jigi spjegat x'aktar fil-futur vicin ser jigi *scrapped* ghar-riciklar). Is-socjeta' esponenti att ma nghatat informazzjoni jew garanziji dwar il-likwidita' tas-sid tal-bastiment, is-socjeta' *Julieta Corporation.*

xix. Jekk wiehed jinnotta l-maggoranza tal-korrispondenza kolla li giet pprezentata mill-bastiment rikorrenti huwa bejn is-socjeta' esponenti (jew l-avukati taghha) mar-rapprezentanti (jew l-avukati taghhom) ta' socjeta' ohra GMS. Tajjeb li wiehed isemmi li kull *notice* jew kommunikazzjoni li kellhom jinbaghtu lis-sid tal-bastiment taht is-*Ship Management Agreement (BIMCO SHIPMAN 2009)* datat 22 ta' Ottubru 2014, kellhom jintbaghtu lil GMS *[vide* ***Kaxxa 22 ta' Part I*** *tal-imsemmi ftehim li gie pprezentat mar-rikors datat 4 ta' April 2016 bhala Dokument '****NORTH 1****'].*

xx. Ghall kull buon fini, qed jinghad illi l-isem GMS huwa rinomat fl-industrija bhala wahda mis-socjetajiet kbar li jirriciklaw il-bastiment – jixtru bastiment li jkunu wasslu lejn it-tmiem tal-operat taghhom bl-iskop li

jiskrappjawhom ghar-riciklar. Dawn huwa evidenti ukoll mis-sit elettroniku taghhom stess fejn jirriklamaw:

*"Established in 1992 in historic Cumberland, MD. (U.S.A), GMS is the world's **LARGEST and ONLY ISO 9001 (BV) certified Cash Buyer of ships for recycling.** With exclusive representatives in all of the major ship recycling markets in the world, GMS has negotiated about 3,000 ships for recycling since inception. In addition to its original office in the United States of America, the company continues to expand its operations with offices in Hamburg (Germany), Dubai (UAE), Singapore, Shanghai (China) and Tokyo (Japan). In addition to having an (exclusive) representative office in Romania, GMS also have exclusive representatives in all major recycling locations i.e. India, Bangladesh, Pakistan, China and Turkey, for a total of 11 locations to serve the needs of our global clients."*
[Estratt tas-sit www.gmsinc.net qed jigi hawn anness u immarkat bhala **Dokument 'HHN4'.]**

xxi. OSM kellha kull dritt li tissuspetti li fil-fatt l-*beneficial owner* ta' dan il-bastiment (kif ukoll ta' diversi ohra li ghalihom OSM kienu appuntati bhala managers) huwa fil-fatt GMS. OSM kellha quddiema sitwazzjoni fejn jekk ma kkawtelatx il-pretenzjonjiet taghha kemm jista' jkun malajr – kien ikun hemm riskju reali li dan il-bastiment jispicca jigi iskrappjat. Dan huwa spjegat fil-ittra spjegattiva mahruga mill-avukati esteri tas-socjeta' esponenti hawn anessa u immarkata bhala **Dokument 'HHN5'.**

xxii. Ta' minn isemmi ukoll li wahda mir-ragunijiet ghalfejn l-partijiet ma qablux fir-rigward l-*escrow agreement* kien precizament ghaliex GMS ma riedux jidhlu f'dan il-ftehim u dan kompla sabiex issahhah l-preokkupazzjoni tas-socjeta' esponenti li is-socjeta' proprjetarja tal-bastiment m'ghandhiex assi ohrajn hlief il-bastiment. Kien u ghadu car li s- benefiċjarju tal-bastimenti kollha (inkluz l-HH North) huwa GMS – dan il-fatt ilu maghruf lil OSM minn meta' dawn il-bastimenti kienu nxtraw. Ghaldaqstant, OSM kellha kull dritt li jirrikjedi li GMS tkun il-kontro-parti taghha (bhal perezempju fir-rigward ta' kwalunkwe escrow agreement – bhalma gja' gie spjegat), ghaliex inkella l-

abilita' ta' OSM sabiex tigbor u tirkupra l-ammonti legalment dovuti lilha kienet ser tigi pregudikata serjament!

xxiii. Qed jigi pprezentat affidavit ta' Mark Terence O'Neil, avukat Ingliz u Partner fid-ditta Reed Smith LLP, fejn jaghti spjegazzjoni dettaljata hafna tal-fatti kollha relatati mal-kaz odjern sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha apprezament ahjar tal-fatti kollha u fil-kuntest tal-istampa shiha! (kopja ta' dan l-affidavit hawn anessa u immarkata bhala **Dokument 'HHN6')**

**G. MA TEZISTI L-EBDA BAZI GHAT-TALBA TAR-RIKORRENTI GHALL-GHOTJA TA' GARANZIJA GHALL-HLAS TA' PENALI U DANNI DA PARTI TAL-INTIMATI.**

It-tieni u t-tielet tabliet tar-rikorrenti imressqin permezz tar-rikors odjern huma is-segwenti:

*1. Tikkundana lill-intimati jhaslsu penali billi ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita tieghu u dwar il-kapacita' finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew u billi t-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja liema penali ma ghandhux ikun ta' inqas minn hdax-il elf u sitt mitt euro (€11,600);*
*2. Tordna lill-intimati li ggib fiz-zmien li jigi moghti mill-qorti garanzija tajba fl-ammont ta' mhux inqas minn hdax il-elf u sitt mitt euo (€11,600), ghall-hlas tal-penali, id-danni u l-imghaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, thassar il-mandat."*

Illi ghalhekk l-bastiment rikorrenti qieghed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tikkundana s-socjeta' esponenti thallas penali kif ukoll sabiex tordnaha taghti garanzija.

**1. Penali**

Fir-rigward il-penali kif gja spjegat, il-mandat in kwistjoni certament ma nharegx b'mod malizzjuz, frivolu jew vessatorju kif rikjest mir-rikorrent (Art 836(8)(d)) u inoltre mill-fatti odjerni certament ma jistax jinghad li ċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent kif ukoll li din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa lis-socjeta' esponenti (Art 836(8)(c))

Fl-ewwel lok, l-impozizzjoni ta' penali hija sanzjoni fakoltattiva ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi kif gie stabbilit ricentament minn dina l-Onorabbli Qorti permezz tas-sentenza ***Cassar Fuel Ltd vs MV K. Dadayli* datata 12 ta' Frar 2015** anke fejn huwa car illi mandat ta' arrest ikun inhareg minghajr ma jigu sodisfatti ir-rekwiziti tal-artikolu 742D, - li jinghad assolutament mhuiex il-kaz fic-cirkostanzi odjerni peress kif gie ppruvat il-kriterji tal-artikolu 742D gew pjenament sodisfatti - dana mhuiex minnu nnifsu bizzejjed sabiex iwassal ghall konkluzzjoni li l-mandat ikun inhareg necessarjament b'mod malizjuz, frivolu jew vessatorju u li ghalhekk iwassal ghall-imposizzjoni ta' penali u danni. F'dan il-kaz citat sahansittra gie mitlub il-hrug ta' mandat ta' arrest kontra bastiment f'cirkostanzi fejn il-bastiment kien inbiegh wara li gew forniti u suppliti bunkers fuq ordni tal-bunker traders tas-sidien precedenti. Il-bunkers kienu gew ordnati minn bunker traders sabiex dawn jigu mibjugha lis-sidien tal-bastiment u l-bastiment inbiegh lis-sidien godda wara li gew suppliti dawn il –bunkers.

Illi ghalhekk ir-rekwiziti tal-artikolu 742D ma gewx sodisfatti peress illi l-persuna responsabbli ghall allegat kreditu u cioe il-bunker trader u/jew is sidien precedenti, ma kienux is sidien jew il bareboat charterers meta nhareg il mandat ta' arrest kontra l-bastiment.

Illi ghalkemm f'dak il-kaz il-Qorti sabet li ma kienx hemm gurisdizzjoni in rem tal-Qrati Maltin u li kien hemm ksur tal-artikolu 742D peress illi l-bastiment inbiegh wara li gew suppliti il-bunkers in kwistjoni (kif ukoll f'kaz li ma kien hemm l-ebda privilegg ai termini tal-artikolu 50 tal-Kap 50), u ghalkemm il-Qorti ikkonfermat li l-arrest ghalhekk kien invalidu u illegali u

kellu jigi revokat, il-Qorti hasset illi r-rekwisiti tal-ligi sabiex twassal ghall imposizzjoni ta’ penali u cioe li r-rikorrenti li talbet il-hrug tal-mandat agixxiet b’mod malizjuz, frivolu jew vessatorju, ma kienux adegwatament sodisfatti. Illi a pagna 12 et seq. ta-imsemmija sentenza, il – Qorti rriteniet illi :

*“Ghar-rigward tat-talba ghall-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikoli 836(8) u 861 tal- Kapitolu 12, din l-Qorti taghraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imholliha fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera ghas-sodisfazzjoni taghha, li sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsuba mill-ligi ghall-impozizzjoni tal-istess sanzjoni, u cioe’ is-subincizi (a) sa (d), tal- Artikolu 836(8) tal-Kap.12.*

*Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirrizultaw l-estremi tal-ligi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta’ ordni pubblika bl-iskop li jigi assikurat is-serjeta tal-process gudizzjarju u sabiex l-istitut ta’ mandati kawtelatorji ma jigix uzat abbusivament – Vide sentenzi fl-ismijiet “Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia vs Charmaine Farrugia f’isimha proprju u f’isem binha minuri Francesco” deciza fit-2 t’Awissu 2012 per Onor Imhallef Dr. J.R. Micallef, “Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited” deciza fit-13 ta’ Marzu 2003, per Onor Imhallef Dr. T. Mallia u “Joseph Rapa vs Raymond Sammut” Appell Civili deciza fit-13 ta’ Marzu 2001.*

*Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Tabone vs Capece Construction Limited (C-52626), fl-14 ta' Awissu 2013 u b’referenza ghall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:*

*"Illi dwar il-kwestjoni tal-impozizzjoni tal-penali, irid jinghad li din hia sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minbarra li tali impozizzjoni hija fakultativa, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal- Qorti li trid tkun settltet wattda mic-cirkostanzi mahsubin mill-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha (4) huma c-cirkostanzi mahsuba mill-ligi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bttala tassattiti.* ***Dwar din id-***

***diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw, l-estremi li l-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista ' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal- Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz."***

Inoltre, fit-tieni lok, jinghad ukoll illi l-ammont mitlub bhala penali fit-tieni talba u cioe' ta mhux anqas minn €11,600 hija dik mahsuba taht Artikolu 861 ta' Kapitolu 12 u mhux taht Artikolu 836.

Fil-kuntest ta' mandati ta' arrest, dan l-Artikolu 861 ipprovdi illi *"Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent* ***<u>fuq talba magħmula b'qerq</u>****, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun ta' inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro."*

Illi skond l-imsemmi Artikolu dan l-ammont mitlub mir-rikorrenti jista' jigi impost **biss meta** l-mandat ta' arrest jkun inhareg *"**b'qerq**"* u ghaldaqstant l-ewwel parti tat-tieni talba huma kompletament inkompattibli mad-dispozzijonijiet tal-ligi nostrana. Di piu', ir-rikorrenti ma gab ebda provi konkreti in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li hemm lok ghall-penali taht **Artikolu 836(8)(d).**

Illi fit-tielet lok, qed jigi sottomess illi fir-rigward **Artikolu 836(8)(c)** jinghad li r-rikorrenti ma ressqet l-ebda prova jew argument (hlief li gie ddepozitat cedola) li s-socjeta' esponenti messha serrhet rasha dwar il-likwidita' tal-istess bastiment u s-sid registrat tieghu. Bhalma diga' gie spjegat, apparti li s-sid registrat tal-bastiment jidher li huwa xejn hlief *SPV Company,* is-socjeta' esponenti dejjem ddiskutiet pagamenti u hlasijiet ma' GMS u mhux ma *Julietta Corporation.* Inoltre, kif gie enuncjat minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenza tal-14 ta' Awwissu 2014 fl-ismijiet ***Emanuel Farrugia vs C&F Building Contractors Limited (C-15308)***

*"Għall-finijiet ta' din il-kawżali, l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-Mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidita' tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur,* ***iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew;"***

Illi s-sid registrat tal-bastiment huwa *Julietta Corporation*, l-istess socjeta' li dahhlet fil-ftehim kontrattwali mas-socjeta' esponenti. L-istess esponenti ma kelliex ebda garanziji dwar il-likwidita' ta din is-socjeta' li tidher li hija xejn hlief spv company – x'garanzija kellha l-esponenti li jekk ma mxiet bil-mandat ta' arrest kienet ser ikollha l-opportunita' li tikwatela l-pretenzjonijiet taghha fil-futur? Di piu' qed jigi sottomess illi in oltre kien hemm ir-riskju reali li l-bastiment HH North huwa l-uniku assi tas-sid registrata kif ukoll li dan l-imsemmi bastiment dalwaqt ser jinbaghat ghall-*iskrapping*.

**2. GARANZIJA**

Fir-rigward l-ghotja ta' garanzija, l-artikolu 838A tal-Kap 12 jghid:

*"838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."*

Mill-ligi taghna jirrizulta <u>illi talba ghad-danni allegatament rizultanti minn hrug ta' arrest kawtelatorju hija intrinsikament marbuta ma circkostanzi fejn penali tigi mposta mill-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 836(1)(8)(a)-(d).</u>

Sabiex l-Onorabbli Qorti tkun tista' tilqa t-talba tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 838A ghall-ghotja ta' garanzija da parti mill-intimati ghall-hlas ta penali li tista tigi mposta u danni u imghax, huwa necessarju li l-parti li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju <u>tipprova bis-shih li tezisti wahda mir-ragunijiet elenkanti mill-ligi a paragrafu 836(1)(8)(a)-(d) li tippermetti l-imposizzjoni ta' penali, haga li assolutament ma saritx mir-rikorrenti f'dan il-</u>

kaz peress illi kif ampjament intwera, il-mandat kawtelatorju intalab b'osservanza shiha tal-ligi aplikkabli u huwa ggustifikat ghabbasi tal-fatt li s-socjeta' intimata ghandha pretensjoni reali kontra l-bastiment.

Is-suespost gie ukoll iccitat a pagni 23-24 tad-decizjoni ***Av Ann Fenech vs Il-Bastiment MY Whispering Angel***

*"Illi fl-opinjoni umli tar-rikorrenti, jinghad illi jekk mandat li jkun inhareg f'cirkostanzi fejn l-arrest mhux permess ai termini tal-artikolu 742D ma jwassalx ghall-konkluzjoni awtomatika li kien hemm agir da parti tar-rikorrenti li jwassal ghall-imposizzjoni ta' penali u danni mill-Qorti, wisq anqas tista tigi milqugha talba ghall-ghotja ta' garanzija biex tkopri l-hlas ta penali, danni u imghax f'kaz fejn talba ghall arrest issir in piena konformita mall-ligi u fejn ma ngabet l-ebda prova da parti tar-rikorrenti illi tezisti wahda mill-kundizzjonijiet elekanti f'paragrafu 836(1)(8(a)-(d)."*

Jinghad illi fic-cirkostanzi odjerni ma tezisti assolutament l-ebda bazi sabiex titressaq dina t-talba ghall-ghotja ta' garanzija mis-socjeta' intimata

Illi in vista ta' dak kollu li ntqal hawn fuq ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat illi l-partijiet waqt is-seduta tal-25 t'April 2016 qablu li ġaladarba si tratta ta' bastiment arrestat għaliex diġà hemm depożitat l-ammont rikjest, it-termini għandhom jiġu estiżi;

Rat illi l-possibilità ta' transazzjoni li l-partijiet ippruvaw jilħqu mit-23 ta' Settembru 2016 fallew u fit-28 t'Ottubru 2020 tkompla jinstemgħa r-rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat illi r-rikors tħalla għal llum għal provvediment.

Ikkunsidat;

**Fatti in breve anteċedenti r-Rikors Revoka**

Fl-1 ta' Marzu 2016 Dr. Ann Fenech għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta OSM Ship Management GmbH resqet mandat kawtelatorju t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar għas-somma ta' ħamsa u tmenin elf, mitejn u wieħed u sittin dolloru Amerikan u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (USD $85,261.27) ekwivalenti għal madwar tmienja u sebgħin elf tlett mija u seba' ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€78,307.56) fejn bħala kawżali s-sekwestranti indikat "rapprezentanti il-bilanc pendenti dovut mis-sidien tal-bastiment intimat lis-socjeta rikorrenti, u dan skond id-disposizzjonijiet tas-*Ship Management Agreement* datat 22 t'Ottubru 2014, salv l-ispejjez u l-imghaxijiet ulterjuri."[1] Fl-1 ta' Marzu 2016, il-mandat ġie akkordat. B'kontro-mandat tat-3 ta' Marzu 2016, il-bastimnet HH North talab il-ħruġ ta' kontro-mandat in vista li kien sar id-depożitu tas-somma €78,307.56 kif indikata fil-mandat t'arrest. It-talba għal ħruġ tal-kontromandat intlaqat fit-3 ta' Marzu 2016.[2]

In segwietu għal mandat, is-soċjetà OSM Management GmbH intavolat proċeduri t'arbitraġġ Londra fl-14 ta' Marzu 2016 sabiex tiġi deċiża l-pretenzjoni tal-istess soċjetà u dan ai termini tal-Klawżola 23 tal-*management agreement*.

Bis-saħħa tar-rikors odjern is-sekwestat qiegħed jinsisti li l-mandat sar b'qerq u dan għaliex is-soċjetà maniġerjali naqset milli tipprovdi rendikont tal-ħlasijiet li kienu dovuti minnhom. Min-naħa l-oħra is-soċjetà maniġerjali dan tinnegah u tispjega li r-rendikont huwa aċċessibbli virtwalment kif ukoll intbagħtet korrispondenza fil-25 ta' Frar 2016 bir-rendikonti kollha.[3] In oltre ma kienx hemm qbil fuq il-mod ta' kif kellu jsir parti mill-ħlas; filwaqt li s-soċjetà sekwestranti riedet li jsir ħlas f'*escrow account* fl-isem tal-legali

---

[1] Paġna 34 tal-proċess.
[2] Paġna 32 tal-proċess.
[3] Paġna 58 et seq tal-proċess.

tagħhom (Reed Smith LLP) is-sekwestrati riedu li l-imsemmi kont ikun fuq isem il-legali tagħhom (Clyde & Co LLP u sussegwentement Ince & Co). Jidher mill-atti wkoll li diżgwid estenda wkoll għal fuq it-termini u kundizzjonijiet li fuqhom kellu jinfetaħ l-imsemmi kont bil-konsegwenza li l-flus qatt ma ġew depożitati fl-*escrow account*.

**Provi**

Fit-12 ta' Mejju 2016 xehed **Iosif Soukiouroglou**, avukat tas-sidien tal-bastiment in kwistjoni. Huwa spjega li b'mod konsistenti talbu lil OSM jibgħatulhom kopja tal-kontijiet, li skont l-arranġament kellu jintbagħat kull xahar. Jinsisti li l-aħħar kont li intbagħat kien f'Novembru 2015. Jgħid li Excel Sheet m'hijiex evidenza tal-ħlasijiet li saru u dan għaliex l-istess dokument m'għandux miegħu dokumenti li jsostnu l-ħlasijiet. Spjega li kull erbat ijiem l-ammont dovut mill-klijenti tiegħu beda dejjem jiżdied u dan nonostante li kien sar ħlas ta' madwar $1,500,000. Jgħid li dan l-ammont huwa ma jafx fejn marru sal-ġurnata tal-lum, apparti wkoll li wara li sar dan il-ħlas OSM għamlet talba oħra għal ħlas ta' madwar $70,000 għal bastiment HH North u madwar $277,000 għal bastiment HH East. Rigward l-*escrow account* ix-xhud jikkonferma li ma kienx hemm qbil fuqu u dan prinċiparjament minħabba li kien hemm klawżola fil-ftehim li jekk ma jintlaħaqx qbil sa Marzu 2016, il-flus fil-kont jiġu trasferiti immedjatament lil OSM. Nonostante dan, ix-xhud jgħid li l-klijenti tiegħu għamlu trasferiment tal-flus lill-avukat tagħhom sabiex meta jkun hemm qbil fuq il-ftehim il-flus jiġu trasferiti fil-kont. Dwar dan il-punt waqt il-kontro-eżami spjega li qbil ma kienx hemm u għalhekk il-flus ġew ritornati lura lis-sidien. Dwar l-istedina li kellhom Hamburg, ix-xhud jikkonferma li kienu saru sabiex isiru diskussjonijiet u jgħid li huma riedu jmorru iżda kienu tal-fehma li biex imorru riedu l-ewwel ikollhom f'idejhom kopja tal-kontijiet kollha. Dwar l-allegazzjoni li l-vapuri kienu ser jiġi skrepjati, ix-xhid jgħid li ma kienx il-każ f'dak iż-żminijiet tant li dak iż-żmien kienu għadhom joperaw ma' CMA charters.[4]

[4] Minn provi prodotti mal-prosegwiment tal-kawża ċioe mix-xhieda ta' Marianne Anushka Karunaratne ġie muri li eventwalment il-bastiment HH North u HH East ġew skrepjati – paġna 440 et seq tal-proċess.

Waqt il-kontro-eżami x-xhud spjega li l-*owning companies* huma Liliana Inc u Juliette Corporation li t-tnejn huma *Single Ship Owning Co*. Meta ġie mistoqsi jekk GMS għandhomx irwol prinċipali għall-iskrepjar ta' vapuri, ix-xhud jikkonferma. Ix-xhud spjega dwar ir-rendikonti li huwa minnu li OSM għandha sistema ta' Excel iżda filwaqt li toffri invoices ma toffrix kopja tal-ordnijiet li saru jew prova li sar il-ħlas: "*only the invoice without anything, without quotations, without the order, without the purchase, without the delivering of vessels. How owners will know that these goods were actually paid or delivered to the vessel, nothing.*"[5] In vista ta' dan ix-xhud jgħid li s-sidien tal-bastimenti ma setgħux jivverifikaw jekk sarx ħlas lil terzi u għalhekk jista' jagħti lok li t-terzi jitħallsu doppju.

Xehed permezz t'affidavit **Mark Terence O'Neil**, Partner mad-ditta tal-avukati Reed Smith LLP u avukat tas-soċjetà sekwestranti. Jispjega li l-involviment tiegħu beda f'Jannar 2016 meta l-klijent tagħhom informahom li kien hemm diżgwid mas-soċjetà GMS rigward ħlasijiet pendenti li dejjem kienu qegħdin iżidu. Il-pendenzi kienu b'mod partikolari fir-rigward ta' *operating costs, crewing cost* u *management fees* fis-somma ta' madwar $2,500,000 liema somma kellha titħallas sal-aħħar tas-sena 2015. In vista li l-ħlas ma sarx is-soċjetà sekwestranti fit-23 ta' Jannar 2016 bagħtet tinforma lil GMS li kienet ser tittermina l-kuntratt ta' maniġġjar li kien hemm bejniethom. Fid-data ta' terminazzjoni s-somma pendenti kienet ta' $2,528,608.50. Ix-xhud kompla jispjega li in rispons għan-notifika ta' terminazzjoni, GMS u l-avukati tagħha ikkontestaw l-ammont identifikat bħala pendenti a bażi li ħlas għal terzi kien diġà sar u offrew li jħallsu $1,392,445.39 *in full and final settlement*. OSM irrifjutat dik l-offerta stante li l-ammont kien ħażin iżda pproponiet li l-ħlas isir bis-segwenti mod:

*"USD $1,900,000 to be accepted by the Parties for the sum then outstanding; of which*

[5] Paġna 106 tal-proċess.

a. *USD $1,520,000 would be transferred to OSM's bank account in satisfaction of the outstanding invoices; and*
b. *USD $380,000 would be held in an escrow account retained by Reed Smith LLP to cover any disputed items pending review of all outstandings by the Parties."*[6]

Ix-xhud jgħid li l-proposta li jinfetaħ kont li jinżamm minn Reed Smith LLP ġiet rifjutata u ġie ssuġeriet minn GMS li l-kont jinżamm minn Clyde & Co Ltd. Ix-xhud spjega li għalkemm ma setax jifhem il-loġika wara din il-proposta, huma laqgħu dik il-proposta. Spjega li għalkemm ma sema' xejn aktar mingħand GMS, fis-26 ta' Jannar 2016 OSM irċeviet is-somma ta' USD $1,502,445.39 mingħand GMS. Ix-xhud qal li dak inhar ukoll irċieva kopja tal-*escrow terms* b'tibdiliet fih, liema tibdiliet ma ntlaqgħux għaliex kienu termini li ma kinux negozjabbli. Fit-28 ta' Jannar 2016 jgħid li rċieva korrispondenza mingħand Clyde & Co fejn informathom li kienet irċeviet is-somma ta' USD $380,000 mingħand il-klijenti tagħhom u li kienu ser jiddepożitawhom fil-kont appożitu meta l-kuntratt finali tal-*escrow* jiġi ffirmat. Jgħid li l-ebda risposta ma rċevew mingħand Clyde & Co għajr li l-flus reġgħu intbagħtu lura lil GMS. Jgħid li fit-3 ta' Frar 2016 huma bagħtu korrispondenza ifakkru lil GMS li għandhom ammont pendenti x'jitħallas u għal din huwa irċieva mingħand Ince & Co bi proposta sabiex isir ħlas f'*escrow account* li jinżamm minn Ince & Co. Jgħid li huwa rrisponda u informahom li "*one escrow account would collect security for all the subjects Vessels, and that this security would be held by Clyde & Co, which was logical as this was the basis upon which the first escrow agreement had almost been finalised*".[7] Spjega li għal din il-proposta huwa rċieva korrispondenza li fiha ġiet irrifjutata li Clyde & Co iżommu l-*escrow account* u wkoll li l-kontijiet għal Bastiment HH North u Bastiment HH East jinżammu separatament. Jispjega li kien hemm diversi proposti oħra bejniethom li qatt ma ntlaħaq qbil fuqhom la fuq min għandu jżomm il-kont u lanqas l-ammont.

[6] Paġna 80 tal-proċess.
[7] Paġna 84 tal-proċess.

B'referenza għall-allegazzjoni tas-sekwestrat li OSM naqset milli tipprovdi l-fatturi meħtieġa, ix-xhud jirribatti billi jispjega li l-fatturi setgħu faċilment jitniżżlu mis-sistema kompjuterizzata e-tech. Jgħid li GMS kellhom aċċess għal din is-sistema u għalhekk faċilment setgħu jaċċessaw il-fatturi. Jgħid ukoll li GMS ġew mistiedna minn tal-anqas sitt darbiet Hamburg bejn l-14 ta' Jannar 2016 u l-1 ta' Frar 2016 sabiex jiddiskutu l-ammonti pendenti. Jgħid li GMS irrifjutat il-laqgħa jew ma rrisponditx għall-istedina.

Xehdet **Marianne Anushka Karunathilake** permezz t'affidavit. Tispjega li hija *associate* mad-ditta Reed Smith LLP. Tibda billi tgħid li l-involviment ta' Reed Smith LLP beda f'Jannar 2016 meta l-klijent tagħha informaha li kien hemm diżgwid mas-soċjetà GMS rigward ħlasijiet pendenti li dejjem kienu qegħdin iżidu. Tgħid li arretrati kienu telgħu għal USD $2,500,000. Ġaladarba GMS naqset milli tħallas l-ammont dovut fit-23 ta' Jannar 2016 OSM bagħtet notifika ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' maniġġjar tal-bastimenti. Mis-somma li kienet dovut, ix-xhud tgħid li GMS offriet li tħallas USD $1,392,445.39 iżda din l-offerta ġiet rifjutata mill-klijenti tagħhom u għamlu l-proposti tagħhom u ċioe dawk il-propost kif kwotati fix-xhieda ta' Mark Terence O'Neil. Bħal ma qal ix-xhud O'Neil, GMS irrifjutat li Reed Smith LLP ikunu aġenti tal-*escrow account* u minflok talbu li jkunu Clyde & Co LLP. Dan magħdud fis-26 ta' Jannar 2016 OSM qabli li Clyde & Co LLP jkunu l-aġenti tal-*escrow account*. Tikkonferma wkoll li fis-26 ta' Jannar 2016 GMS bagħtet lil OS mis-somma ta' $1,502,445.39. Tgħid ukoll li GMS riedu jbiddlu xi termini u kundizzjonijiet tal-ftehim tal-*escrow*, iżda GMS ġew informati li t-termini u kundizzjonijiet li riedu jbiddlu ma setgħux jinbidlu u ma kienux termini li setgħu jiġu negozjati. Ix-xhud tgħid ukoll li huma ġew informati minn Clyde & Co LLP li l-klijenti tagħhom għamlu trasferiment ta' $380,000 u li trasferiment kien sejjer isir fl-*escrow account* wara li jiġi ffirmat il-kuntratt. Tgħid li wara xi żmien huma ġew informati li l-flus irritornaw għand GMS. Fir-rigward tal-fatturi u laqgħat ix-xhud tirrepeti dak li qal ix-xhud O'Neil. L-istess japplika fir-rigward tal-korrispondenza li kien hemm minn Ince & Co. Ix-xhud tagħmel referenza għall-allegazzjoni li l-arrest tal-bastiment kien vizzjat in vista li l-arrest sar fuq somma anqas minn din mitluba fil-25 ta' Frar 2016 u 4 ta' Marzu 2016. Fuq dan ir-rigward ix-xhud tispjega li huma ġew

gwidati mill-avukati Maltin li l-arrest seta' jsir biss fuq somma li kienet dovuta lil OSM u limitatament għal dik is-somma li kienet dovuta sal-ġurnata tal-arrest. Tgħid li huma mxew fuq dak il-parir u huwa għalhekk li l-ammont huwa anqas minn dak mitlub qabel.

In kontro-eżami x-xhud tispjega li s-sidien ta' bastiment HH East hija Liliana Incorporated filwaqt li s-sidien ta' bastiment HH North hija Julieta Incorporated. Meta ġiet mistoqsija jekk GMS kienitx kuntrattwalment obbligata tħallas is-somma ta' $2.5m ix-xhud tispjega hekk "*contractually no – GMS are not the contracting party in the ship management agreement however GMS was the party with who OSM communicated from the beginning – they gave the orders with regards to the vessel and therefore they were the only party our clients knew of in relation to the control of the vessel.*"[8] Meta ġiet mistoqsija x'kienet is-somma li kien qiegħed jintalab sabiex ma jsirx arrest tal-bastimenti, ix-xhud tgħid li kienet ta' $5.1m. Meta ġiet mistoqsija tispjega kif f'korrispondenza datata 4 ta' Frar 2016 saret talba għal $3.6m bħala garanzija, ix-xhud tgħid li r-referenza ta' $3.6m kien żball tipografiku u s-somma li kellha tiġi indikata f'dik il-korrispondenza kien ta' $5.1m., iżda jista' jagħti l-każ ukoll li $3.6m kienet somma mhux aġġornata. Tgħid li jista' jkun ukoll li s-somma ta' $5.1m kienet tinkludi fiha l-ispejjeż għal tmien arbitraġġi, waħda għal kull bastiment. Meta ġiet mistoqsija x'kienet il-garanzija individwali ta' HH East u HH North ix-xhud spjegat li l-garanzija għal HH East kienet ta' $600,00 filwaqt li ta' HH North kienet ta' $550,000.

In ri-eżami x-xhud tgħid li s-somma ta' $5.1m kienet tinkludi fiha wkoll ammonti dovuti lil terzi, liema somma għalhekk kienet tinbidel kuljum.

---

[8] Paġna 464 tal-proċess.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ai termini tal-**Artikolu 830 tal-Kapitolu 12**, persuna tista', mingħajr m'hu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid il-Kodiċi, jiġu maħruġa u eżegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha. L-uniċi verifiki li tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju ta' qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, skont l-Artikolu 831 huwa li jiġi żgurat li r-rikorrent jindika b'mod kemm jista' jkun ċar l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba u li r-rikorrent jikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament. Tenut kont li verifiki aktar fil-fond minn hekk jistgħu jieħdu ż-żmien tagħhom u fil-frattemp l-iskop kollu ta' mandat kawtelatorju jista' faċilment jiġi imxejjen, bħala mezz ta' verifika ulterjuri wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, il-liġi tagħna tipprovdi l-proċedura kkontemplata fl-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 sabiex jiġi żgurat illi mandat kawtelatorju jkun inħareġ skont il-liġi u għar-raġunijiet li trid il-liġi u fin-nuqqas, il-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat mill-Qorti, sew għal kollox jew f'parti minnu.

Il-proċedura stabbilita taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 hija waħda ta' natura straordinarja intiża sabiex il-lanjanza tiġi trattata u deċiża b'urġenza u fl-iqsar żmien possibbli. Fl-azzjonijiet ippernjati fuq l-Artikolu 836 il-Qorti għandha toqgħod strettament mal-parametri dettati mis-sub inċiżi ta' dan l-artikolu u tevalwa l-provi fuq livell ta' *prima facie* u dan peress li dawn huma proċeduri sommarji intiżi sabiex jindirizzaw b'ħeffa sitwazzjonijiet li għad-deċiżjoni tagħhom ma jeħtieġx approfondiment tal-mertu tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet u għalhekk il-proċedura odjerna hija nieqsa mill-formalitajiet assoċjati mal-proċedura solenni tal-kawżi fil-mertu.

Isegwi għalhekk li l-Qorti fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed sommarju fuq bażi *prima*

*facie* filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kif ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** deċiża fl-10 ta' Mejju 2001:

> "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[9]

Jingħad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal għalih f'dawn il-proċeduri ma għandux jitqies li jkun qed isir xi ġudizzju fil-mertu, u fi proċeduri bħal dawn jeħtieġ biss li l-Qorti tistħarreġ mad-daqqa t'għajn li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jew revoka tal-istess jidhru mill-att innifsu, ċioe` li min talab il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju għandu bażi ta' pretensjoni u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv.[10] Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. [11]

Tajjeb jiġi sottolineat li l-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqa' l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi meta min jiltlaqat minn mandat kawtelatorju jista' jistitwixxi l-azzjoni tiegħu sabiex jitneħħa l-mandat, fost dawn wieħed isib bdil ta' ċirkostanzi kif ukoll l-għoti ta' garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk <u>il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa' fis-seħħ</u>, dan ikun jista' jitneħħa permezz ta' kontro-mandat.

---

[9] Ara **C&F Building Contractors Limited vs. Emanuel Farrugia** (Rik Rev Nru 545/14 JRM) degretat fil-25 t'Awwissu 2014.
[10] **Paul Hili et vs. Dr. Joselle Farrugia nomine et** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-3 ta' Ġunju 1994.
[11] **Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited** mogħti fil-5 ta' Ġunju 2007.

Min-naħa l-oħra jekk ir-raġunijiet għar-revoka imorru lil hinn mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 836, allura t-triq miftuħa għalih hija li jistitwixxi azzjoni b'rikors ġuramentat u li mis-sentenza in segwietu għal dak ir-rikors jista' jsir appell.[12] Finalment għandu jingħad li l-Qorti hi marbuta li fi proċedura bħal dik odjerna l-analiżi li għandha ssir għandha tkun waħda strettament fil-parametri tal-Artikolu 836.

Ikkunsidrat;

Qabel tgħaddi sabiex tikkunsidra l-mertu tar-rikors, jeħtieġ li jiġi meqjus il-punt proċedurali sollevat mis-soċjetà sekwestranti u ċioe li ġaladarba ġiet akkordata t-talba ta' kontro-mandat ma tistax issir talba, kif sar hawn, għar-revoka tal-mandat u dan għaliex il-mandat per se diġà ġie revokat. Is-soċjetà sekwestranti tispjega li r-rimedju li kellu l-bastiment kien dak sanċit taħt l-**Artikolu 836 (7) tal-Kapitolu 12** li jipprovdi:

> "Minkejja li tiġi depożitata fir-reġistru tal-qorti garanzija xierqa sabiex tiġi sodisfatta t-talba tal-persuna li, fuq talba tagħha, l-att kawtelatorju jkun inħareġ, il-qorti li tkun ħarġet il-kontromandat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu tkun għadha tista', fuq talba li ssir b'rikors minn persuna li jkollha interess, tinvestiga jekk l-att kawtelatorju relattiv setax isir jew le u l-qorti tista' wkoll tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija depożitata jew tiddikjara l-att kawtelatorju kontra l-liġi, f'liema każ tal-aħħar għandha tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa, inkluż, jekk ikun il-każ, ir-radd lura tal-garanziji lid-debitur."

Fl-ewwel talba tiegħu l-bastiment qiegħed jitlob li l-Qorti tħassar il-mandat kawtelatorju maħruġ kontrih, iżda l-bastiment wera wkoll li l-mandat kien ġie revokat ftit jiem wara li nħareġ u dan wara li ddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti garanzija bankarja.

[12] Ara **Howard Stanley Kreiss vs. Patrick Zrinzo (**Rik. 458/2009 JRM) degretat mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-3 t'Awwissu 2009.

Din il-Qorti tibda billi tqis li nonostante li l-mandat ġie revokat bis-saħħa ta' kontro-mandat, is-sekwestrat xorta baqa' effetwat bil-mandat, b'dak li jista' jissejjaħ effett residwali u dan stante li hemm garanzija li ssotitwiet il-kontro-mandat. Tant dan huwa l-każ li bis-saħħa tas-sub-artikolu sukwotat il-Qorti ingħatat is-setgħa li tistħarreġ jekk l-att kawtelatorju setax isir jew le. Jekk il-Qorti ssib li l-att kawtelatorju ma setax isir, il-Qorti tista' tordna t-tnaqqis tal-garanzija iżda tista' tordna wkoll ir-radd tal-garanzija u għalhekk it-tneħħija kompluta tal-effetti residwali ta' dak il-mandat. Din il-Qorti tinnota wkoll li r-radd tal-garanzija huwa biss wieħed mir-rimedji u dan stante li l-istess subartikolu jippermetti li l-Qorti tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa.

Dan qiegħed jingħad għaliex qabel l-emendi li daħlu fis-seħħ bl-Att XII tal-2009, is-subartikolu (7) kien jipprovdi li "f'liema każ ta' l-aħħar għandha tordna li l-att kawtelatorju jiġi revokat" u ma kien jissemma xejn dwar x'għandu jiġri mill-garanzija.[13] Kien għalhekk li fl-2009 saru emendi f'dak is-subartikolu sabiex ġie kopert eżatt x'għandu jsir mill-garanzija.

Fid-digriet tal-14 t'Awwissu 2014 fl-ismijiet **Emanuel Farrugia vs. C & F Builidng Contractors Ltd** (491/2014 JRM) ġie ritenut li:

> "Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta ma' din ix-xorta ta' proċedura, irid jingħad li l-fatt li, wara li bdiet din il-proċedura, il-kumpannija eżekutata ħassret il-Mandat maħruġ mill-intimat eżekutant ma jġibx fix-xejn il-ħtieġa tal-istħarriġ li l-Qorti ntalbet tagħmel. Kif jgħid l-intimat, huwa minnu li din il-Qorti ma tistax iżjed tordna l-ħruġ tal-Kontro-Mandat, iżda dan ma jitfix il-proċedura mibdija. Kemm hu hekk, il-liġi nnifisha trid li dan l-istħarriġ isir jekk kemm-il darba jintalab, minkejja li jkun sar depożitu u minkejja li jkun inħareġ il-Kontro-Mandat relattiv;"

[13] Din l-ispjegazzjoni tinstab fid-dibattiti parlamentari li saru fuq l-att li emenda l-liġi waqt il-Laqgħa 26 tas-7 ta' Lulju 2009: https://www.parlament.mt/11th-leg/consideration-of-bills-committee/cbc-026-07072009-1200-am/

Fid-digriet mogħti fit-23 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet **Nutar Dottor Michael Dingli et vs. Globe Financial Investment Ltd** (Rik Nru 784/2003 JRM) ġie spjegat x'inhuma r-rimedji li joffri l-Artikolu 836 (7):

> "Illi jidher xieraq li l-ewwel konsiderazzjoni ta' dritt marbuta mal-każ tkun riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-liġi li huma rilevanti. Dan jingħad għaliex ir-rikors tressaq biex jilħaq żewġ għanijiet: jew it-tħassir tal-effetti ta' Mandati kawtelatorji maħruġin kontra GFI jew li l-garanzija bankarja titnaqqas għal ammont xieraq. L-artikolu 836(7) li taħtu tressaq dan ir-Rikors jipprospetta sewwasew talba bħal din minkejja li l-Mandat ikun diġa' tħassar bil-ħruġ ta' Kontro-Mandat bażat fuq it-tressiq mill-parti intimata ta' garanzija bankarja;
>
> Illi għalhekk, dan ifisser ukoll li l-firxa ta' rimedji li l-Qorti tista' tagħti hija limitata b'dak li tipprovdi dik l-istess dispożizzjoni tal-liġi. Minn kliem il-liġi, din il-Qorti jifdlilha s-setgħa li (a) tistħarreġ jekk kemm-il darba l-Mandat setax jinħareġ jew le, jew (b) li tista' tordna t-tnaqqis tal-ammont tal-garanzija, jew (ċ) li ssib li l-att kawtelatorju huwa kontra l-liġi u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu;
>
> Illi minn dan jidher li huwa evidenti li, f'każ fejn il-Qorti ssib li l-Mandat ma messux sar jew li l-ħruġ tiegħu sar kontra l-liġi, allura jekk kemm-il darba tkun tressqet garanzija xierqa biex seta' jinħareġ il-Kontro-Mandat opportun, il-Qorti tista' tordna li l-garanzija hekk imressqa tingħata lura lill-intimat eżekutat bħala <u>effett loġiku tat-tħassir tal-Mandat</u>." (sottolinear ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti tabbraċċja dan l-insenjament u tqis li għandha tgħaddi sabiex tistħarreġ jekk il-mandat kawtelatorju setax isir jew le. Dan tagħmlu wkoll fuq il-prinċipju ġenerali li l-atti għandhom kemm jista' jkun jiġu salvati meta dawn ma jkunux qegħdin jikkawżaw preġudizzju għal kontroparti. Biex ikun ingħad kollox, il-bastiment arrestat talab biss it-tħassir u r-revoka u ma talabx għat-tnaqqis tal-garanzija bankarja u għalhekk idejn il-Qorti huma marbuta b'dak li ntalab.

Ikkunsidrat;

Il-bastiment jippremetti li l-mandat t'arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ma kellux jinħareġ għal tlett raġunijiet:

(a) Ma kienx hemm il-periklu li l-pretensjonijiet tal-intimati kienu ser jiġu skartati bit-tluq tal-bastiment;
(b) It-talba għal ħruġ tal-mandat kienet magħmula bil-qerq;
(c) Mhux raġonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ (Artikolu 836 (1) (f).

Kif ġie diġà ritenut sabiex il-Qorti tistħarreġ jekk kemm-il darba l-mandat kawtelatorju kienx seta' jinħareġ jew le jew biex tistħarreġ jekk l-istess mandat huwiex kontra l-liġi, għandhom jintużaw il-kriterji maħsuba fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-istess Artikolu 836 u dispożizzjonijiet ġenerali li l-liġi tipprovdi dwar is-siwi tal-Mandati u ċioe li l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie*.

**Ma kienx hemm periklu li l-pretensjonijiet kienu ser jiġu skartati**

L-iskop wara mandat kawtelatorju huwa sabiex ir-rikorrent jikkawtela l-kreditu tiegħu b'kull mod li tippermetti l-liġi. Huwa evidenti mill-atti li l-mandat t'arrest laħaq l-iskop tiegħu u dan għaliex ġie depożitat l-ammont mitlub mir-rikorrent u dan bħala garanzija għall-allegat ammont dovut lilha. Mingħajr il-mandat, is-soċjetà sekwestranti ma kellha l-ebda garanzija li l-bastiment kien ser jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tagħha.

**Artikolu 855 tal-Kapitolu 12** jipprovdi li:

> "Mandat ta' arrest kawtelatorju ta' bċejjeċ tal-baħar 'il fuq minn għaxar metri jista' jinħareġ unikament biex jitqiegħdu fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, kemm *in personam* kif ukoll *in rem,* li bit-tluq tal-imsemmija biċċa tal-baħar jistgħu jiġu skartati u ma jistax jinħareġ mandat ieħor kontra biċċa tal-baħar, bl-eċċezzjoni ta' mandat ta' żgumbrament jew

ta' tkeċċija, jekk mhux mandat ta' arrest, u kemm jekk din il-biċċa tal-baħar tkun fuq il-baħar kemm jekk le"

Is-soċjetà OSM Ship Management Gmbh spjegat li kien ilu jsir talba għall-ħlas għal diversi xhur u kellha l-biża li dan il-bastiment, bħal bastimenti l-oħra tal-istess sid, jispiċċaw jiġu skrepjati u l-pretensjonijiet tagħhom ma jkunux jistgħu jiġu eżerċitata fuq dak il-bastiment.

**Il-biza' tagħhom illum il-ġurnata nafu li kienet ġustifikata u dan stante li fis-7 ta' Ottubru 2016, ftit xhur wara li nħareġ il-mandat il-bastiment ingħata status ta' *broken up* u ġie skrepjat.** Il-biża li l-pretensjonijiet tagħha jiġu skartati kompliet tikber meta nnotat li s-sidien tal-bastiment bdew joġġezzjonaw għat-twaqqif ta' *escrow account* sabiex il-flus jitqiegħdu disponibbli bħala garanzija. B'dan in-nuqqas is-soċjetà OSM Ship Management Gmbh ma kellhiex garanzija xierqa oħra li tissodisfa l-pretensjoni tagħha; ma kellha l-ebda garanzija alternattiva tajba daqs dik kawtelata bil-mandat. Kif ġie ritenut "*Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti.* ***Il-ġid garantit irid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu, dak il-ġid ikun disponibbli u rejalizzabbli.***"[14]

Kif ġie ritenut fid-digriet **Jeroen Fenech noe vs. MV Elinor TH** (880/2006 LFS) mogħti fis-6 ta' Novembru 2006

"Ta' min jirrileva wkoll il-fatt illi ai termini tal-Artikolu 855 tal-Kap 12, ir-rikorrenti eżekutanti mhux necessarjament ikollu xi ċertezza matematika li bit-tluq tal-bastiment il-pretensjonijiet tiegħu ikunu definittivament u irrimedjabilment skartati. Di fatti l-kliem preċiż tal-Artikolu 855 jipprovdi li mandat jista' jinħareġ jekk bit-tluq tal-bastiment il-pretensjonijiet

[14] **Desmond Stanley Stewart vs. Theresa Mangion Galea** (Rik Nru 493/2017 JRM) degretat fis-26 ta' Ġunju 2017.

> "jistgħu jiġu skartati". Cioe` anke jekk hemm il-biża jew dubju raġonevoli fir-rikorrent ezekutant tal-mandat li hemm probabbiltajiet li l-pretensjonijiet tiegħu jiġu skartati."

Finalment din il-Qorti jeħtiġilha tqis ukoll li dan il-bastiment huwa reġistrat fis-soċjetà Julieta Corporation ġewwa St. Kitts & Nevis, liema kumpanija jidher li hija biss *special purpose vehicle company* inkorporata bħala *single ship-owning company*. Dan il-fatt ġie ikkonfermat ukoll mix-xhud li tressaq mill-bastiment, l-avukat Iosif Soukiouroglou.

Is-soċjetà OSM Ship Management Gmbh spjegat li huwa ferm diffiċli sabiex tivverifika li din il-kumpanija qiegħda f'qagħda finanzjarja likwida. L-unika assi li ċertament għandha l-imsemmija kumpanija huwa l-bastiment. Il-bastiment ma ressaq l-ebda prova dwar il-likwidità tas-sid tal-bastiment, pjuttost ġie muri li prima facie l-unika assi li s-sid għandha huwa l-bastiment biss.[15]

In vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li s-soċjetà OSM Ship Management Gmbh kienet ġustifikata meta sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha talbet il-ħruġ ta' mandat t'arrest fuq l-unika assi li kien jista' jinqabad sabiex jiġu kawtelati l-interessi tagħha. Il-ħruġ tal-mandat f'dan ir-rigward kien wieħed ġustifikat.

**Talba għall-ħruġ tal-mandat kienet magħmula bil-qerq**

It-tieni raġuni mressqa mill-bastiment għalfejn il-mandat għandu jiġi revokat hi għaliex tqis li inħareġ b'qerq. Mill-atti atti jidher li l-qerq qiegħed jiġi abbinat mal-fatt li s-soċjetà sekwestranti naqset milli tgħaddi kopji ta' fatturi lis-sidien tal-bastiment li juru li l-ħlas verament huwa pendenti. Is-sekwestrat jissottometti wkoll li ma jistax ikun li ftit ġranet qabel inħareġ il-mandat t'arrest is-soċjetà sekwestranti kienet qiegħda titlob il-ħlas ta' miljuni imbagħad il-mandat jinħareġ għal somma ta' madwar tmenin elf ewro biss.

[15] Paġna 336 tal-proċess.

Kif ingħad l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss f'livell ta' prima facie. Mill-atti jirrizulta prima facie li s-soċjetà OSM Ship Management Gmbh għandha kreditu sostanzjali kontra l-bastiment. Sabiex tissostanzja l-pretensjoni tagħha s-soċjetà OSM ppreżentat għadd ta' fatturi relattivi għall-ammont kawtelat ta' $85,261.27[16].

Jekk din is-somma kollha jew parti minnha hiex dovuta huwa l-mertu tal-arbitraġġ li hemm pendenti fl-esteru bejn il-partijiet.

Din il-Qorti tqis li s-soċjeta' intimata ikkawtelat l-jeddijiet tagħha bi proċedimenti li tagħti l-liġi. Sostniet l-pretensjoni tagħha b'ġurament u anke ppreżentat elenku tal-fatturi li prima facie jsostnu l-quantum ta' dak li qiegħda tippretendi.

Fir-rigward tas-somma li kienet qiegħda tintalab qabel ġie intavolat il-mandat, jidher prima facie li huwa minnu li s-soċjetà intimata kienet qiegħda titlob somma ferm akbar minn dik ikkawtelata. Dan il-fatt però ma jwassalx sabiex jiġi meqjus li kien hemm xi qerq. Wieħed ikun jista' jaħseb f'qerq li kieku ċ-ċirkostanzi kienu bil-kontra u ċioe t-talba qabel il-mandat tkun fi ftit eluf u l-mandat joħroġ fuq miljuni.

Din il-Qorti timxi fuq il-massima li l-*bona fede* hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat. Fin-nuqqas ta' prova prima facie li kien hemm qerq, din il-Qorti ma tistax tgħaddi sabiex tilqa' r-raġuni ta' qerq bħala waħda sodisfaċenti sabiex tirrevoka l-effetti tal-mandat t'arrest.

**Mhux raġonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ (Artikolu 836 (1) (f))**

Il-bastiment qed jibbaża t-talba tiegħu ukoll fuq l-Artikolu 836 (1) (f) tal-Kapitolu 12, li jistipula li mandat jiġi revokat jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi

[16] Paġna 122 et seq tal-proċess.

ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.

In tema legali ssir referenza għal dak ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili b'referenza speċifika għat-talba għar-revoka bbażata fuq is-sub-inċiż (f) tal-Artikolu 836 (1), "*Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ.*"[17]

Ġie wkoll ritenut illi:-

> "Is-success jew telfien ta` kwestjoni fil-mertu ma tista` qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nhareg b`mod vessatorju jew fieragh. Allura, fil-fehma ta` din il-Qorti, il-kwestjoni ta` jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikabbli li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet ezekutanti. Illi jinghad ukoll li d-disposizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, wara l-hrug tal-Mandat, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa` (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-Mandat issa m`ghadux il-kaz."[18]

Fuq l-iskorta tal-insenjament fuq ċitat, il-Qorti tirritjeni illi sabiex tintlaqa' talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju fuq id-dispost tal-Artikolu 836 (1) (f), għandu jirriżulta lill-Qorti li mandat li kien raġjonevoli jew ġustifikabbli

[17] **Francis Spiteri v Charles Darmanin** (Rik Nru 571/2010 JRM) deċiż fil-25 t'Awwissu 2010.
[18] **Jamar Malta Limited (C45236) vs Office Group Limited (C39197)** (Rik Nru 688/2012 JRM) deċiż fl-10 ta` Awissu 2012. Ara wkoll **George Cassar pro et noe vs Emanuel Falzon et** (Rik Nru 741/2015 LSO) deċiż 22 ta` Ottubru 2015.

*ab initio*, issa m'għadux meħtieġ. Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk meta tintalab ir-revoka tal-mandat, għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat li kienu viġenti meta nħareġ l-istess Mandat.

Wara li qieset iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, u wara li kkunsidrat li l-ħruġ tal-mandat kien ġustifikat, qegħda issa tikkonsidra li ma nġabet l-ebda prova li kien hemm bdil ta' ċirkostanzi.

Ikkunsidrat

It-tieni u t-tielet talba tal-bastiment hija marbuta ma' penali u talba għall-għoti ta' garanzija. Filwaqt li t-talba għal garanzija ġiet imsejsa fuq l-Artikolu 862, it-talba għall-penali hija msejsa fuq l-Artikolu 861 u l-Artikolu 836 (8).

**Artikolu 861** jipprovdi li:

> "Jekk jinsab li l-mandat ġie miksub mir-rikorrent fuq talba magħmula b'qerq, il-penali skont l-artikolu 836(8) ma għandhiex tkun ta' inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro."

**Artikolu 836 (8)** min-naħa l-oħra jipprovdi hekk

> (8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;
> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju,

huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;

(ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;

(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

Għandu jingħad li l-impożizzjoni tal-penali hija sanzjoni fakoltattiva u hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tgħabbix o meno persuna b'piena ta' ħlas ta' penali. Magħdud ma' dan, sabiex tiġi imposta sanzjoni jeħtieġ jintwera għas-sodisfazzjoni tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi indikati fl-istess artikolu.[19] Il-penali maħsuba fis-sub-artikolu (8) u l-Artikolu 861 huma ta' ordni pubblika intiża sabiex tiżgura s-serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istut tal-mandat kawtelatorju jintuża b'abbuż. B'danakollu, il-penali m'għandhomx ikunu imposti b'mod u manjiera li tnissel biża fil-persuna li teħtieġ tagħmel użu mill-mandat kawtelatorju.

Fil-każ odjern il-bastimetn qiegħed jitlob li l-Qorti tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas penali ta' mhux anqas minn €11,600 għal raġunijiet li wieħed isib taħt l-Artikolu 836 (8). Din l-osservazzjoni qiegħda ssir għaliex l-Artikolu 861 jagħmilha ċara li l-ħlas ta' penali ta' minimu ta' €11,600 tista' tiġi ordnata meta l-mandat ikun inkiseb fuq talba magħmula b'qerq. Fil-każ odjern il-bastiment qiegħed jippretendi li s-soċjetà OSM tiġi ordnata tħallas penali minn tal-anqas €11,600 għaliex skond il-bastiment ma kienx hemm dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapaċità finanzjarja tiegħu (Artikolu 836 (8)

[19] **Palumbo Malta Shipyard Limited (C 48983) vs Il-Bastiment 'MV Gulf City' (IMO: 8104553)** (Rik. Ġur. Nru 165/2016 LSO) deċiż fit-22 ta' Marzu 2016**.**

(ċ)) u għaliex it-talba għal ħruġ tal-mandat saret b'malizzja, frivola jew vessatorja (Artikolu 836 (8) (d)).

Rigward l-ewwel raġuni għalfejn għandha tikkundanna l-ħlas ta' penali, din il-Qorti tinnota li l-bastiment ma ġab l-ebda prova dwar il-likwidità ta' sidu, liema punt ġie meqjus fid-dettal aktar 'il fuq.

Għandu jingħad għal kull buon fini li l-liġi trid mhux biss li l-parti li kontra tagħha jinħareġ il-mandat turi li ċ-ċirkostanzi tagħha kienu hekk li ma jagħtux lok għal dubju raġonevoli dwar il-likwidità tagħha u l-ħila tagħha finanzjarja li tħallas it-talbiet tal-kreditur, iżda trid turi wkoll li dik il-qagħda tagħha kienet magħrufa sew. Dan huwa nieqes kompletament fil-każ odjern.

Fir-rigward tat-tieni raġuni l-Qorti tqis li ma tressqu ebda provi jew argumenti tajbin biżżejjed f'dawn il-proċeduri biex juru li l-mandat ħareġ vessatorjament, b'ħażen jew b'malizzja da parti tas-soċjetà sekwestranti. Il-Qorti sejra timxi fuq il-massima li l-*buona fede* hija preżunta u li l-*mala fede* jrid jiġi ppruvat, u għalhekk kien imiss lill-bastiment sabiex iġib prova imqar fuq livell *prima facie* li s-soċjetà OSM ottjeniet il-mandat sabiex tagħmel pressjoni indebita fir-rigward tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti ma tarax li *prima facie* l-mandat kontra l-bastiment għandu jiġi meqjus li kien frivolu, vessatorju jew malizzjuż b'tali mod li għandu jwassal għas-sanzjoni ta' penali. Għall-kuntrarju, kif rajna l-Qorti digà waslet għall-fehma li s-soċjetà OSM aġixxiet entro d-drittijiet lilha mogħtija mil-liġi sabiex titlob il-ħruġ tal-mandat. Naturalment, dan ma jfissirx li l-Qorti waslet għall-fehma li l-istess pretensjoni tas-soċjetà OSM hija tabilħaqq ippruvata. Ifisser biss li ma ntweriex li l-pretensjoni hija waħda fiergħa u lanqas saret b'malizzja.

Għalhekk fir-rigward tat-talba għall-ħlas tal-penali il-Qorti tqis li ma hiex ġustifikata u qed tiċħadha.

Il-Qorti tgħaddi issa sabiex tqis it-talba għall-għoti ta' garanzija.

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija wieħed jagħraf li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 862 tal-Kapitolu 12 huma maħsuba speċifikatament għal Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar ta' 'l fuq minn għaxar metri. Madankollu, il-kliem użat f'dak l-artikolu m'huwiex 'il bogħod minn dak li nsibu fl-Artikolu 838A tal-istess Kodiċi, li wkoll jitkellem dwar it-tqegħid ta' garanzija tajba min-naħa tas-sekwestrant.

**Artikolu 862** jipprovdi li:

> "Il-qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba, fuq talba b'rikors magħmula mill-persuna li kontra l-vapur jew il-bastiment tagħha ġie maħruġ il-mandat, mill-kaptan tal-vapur jew tal-bastiment, jew minn persuna oħra li jkollha l-inkarigu tiegħu, jew mill-aġent, tordna lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat li ġġib, fiż-żmien li jiġi mogħti mill-qorti, garanzija tajba f'ammont ta' mhux inqas minn ħdax-il elf u sitt mitt euro, għall-ħlas tal-penali, id-danni u l-imgħaxijiet u, fin-nuqqas ta' dan, tħassar il-mandat."

Il-Qorti tqies li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "raġuni tajba" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti li talbet il-ħruġ tal-mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-mandat ma jitqiesx bħala "raġuni tajba" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti tali ordni.

Fil-provvediment illi din il-Qorti diversament preseduta tat fis-6 ta' Frar 2014 fir-Rikors Nru 1221/2013 fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et vs. Roc A Go Crane Services Limited et** ingħad "*Illi dan huwa konformi ma` dak li gie stabbilit fid-decizjoni "Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited" (P.A. (RCP) – 20 ta` Mejju 2002) u wkoll fid-decizjoni "Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et" (P.A. – 30 ta` Gunju 2000) fejn inghad:- "Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat*

*kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta.*"

Ingħad ukoll fis-sentenza **Avukat Vincent Falzon noe vs. Alex Sullivan**[20] li d-danni li għalihom jirreferi Artikolu 862 huma dawk li s-sekwestrat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ.[21]

Minbarra dan, fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha billi titlob il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju u l-istess mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, ma jitnisslux awtomatikament raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni u wisq aktar imgħaxijiet minħabba l-istess mandat.

Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti sekwestrata f'qagħda li, meta jiġru ċ-ċirkostanzi kontemplati fil-liġi kif interpretata mill-ġurisprudenza, jekk sussegwentement jirriżulta dritt a favur tas-sekwestrat għall-ħlas ta' danni u penali da parti tas-sekwestrant, allura issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi l-pretensjoni tagħha għad-danni sofferti b'riżultat ta' atti kawtelatorji li eventwalment instab li ma kienux ġustifikati.

Sabiex tkun tissussisti "raġuni tajba" irid fuq livell *prima facie* jirriżulta illi l-mandat kawtelatorju jkun qiegħed jikkaġuna danni u imgħax kwantifikabbli u li jekk il-Qorti ma toħroġx ordni taħt l-Artikolu 862, il-persuna li kontra tagħha jkun inħareġ il-mandat tkun ser titqiegħed fi żvantaġġ sproporzjonat partikularment sabiex eventwalment tirkupra l-penali, danni u imgħax li għalihom tista' tkun eventwalment intitolata. Waqt it-trattazzjoni finali l-enfażi kien fuq il-fatt li l-futur tas-soċjetà OSM m'hijiex magħrufa, aktar u aktar meta din il-kumpanija daħlet f'likwidazzjoni volontarja.

---

[20] Rik. Nru 2049/2000 degretat fit-2 ta' Marzu 2001.

[21] Ara wkoll **Av. Cassar Pullicino noe vs. M.V. Beluga Sydney** (Rik Nru 1136/2011) mogħti fit-30 ta' Diċembru 2011.

Dan meqjus il-bastiment naqas milli juri f'livell prima facie li huwa bgħata xi danni direttament minħabba l-ħruġ tal-mandat li jinneċessitaw l-għoti ta' garanzija.

Għaldaqstant it-talba għall-għoti ta' garanzija qegħda wkoll tiġi respinta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-bastiment billi prevja li tilqa' l-eċċezzjonijiet sollevati mis-soċjeta' intimata konformement ma' dak fuq ikkonsidrat, tiċħad it-talbiet tal-bastiment rikorrent peress li ma rriżultawx mistħoqqa.

Bl-ispejjeż kontra l-bastiment rikorrent.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**